



Brussell, 7 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9388/1/24
REV 1

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0042(COD)**

**CODEC 1201
CLIMA 180
ENV 473
TRANS 215
MI 456**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1242 fir-rigward tat-tisħiħ tal-istandards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO ₂ għal vetturi heavy-duty ġodda u l-integrazzjoni tal-obbligi ta' rapportar, u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/858 u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/956 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fl-14 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 192(1) TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-12 ta' Lulju 20232.
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
4. Fl-10 ta' April 2024, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni3. L-eżitu tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill.

¹ 6539/23 + ADD 1 to 5.

² ĠU C 349, 29.9.2023, p. 134.

³ 8770/24.

5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 29/24, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bl-Italja u s-Slovakkja jivvutaw kontra u ċ-Ċekja tastjeni.
6. Id-dikjarazzjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tinsab fl-Addendum ta' din in-nota.
7. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
